# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tat-18 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 479/2022 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**RM**

**Vs**

**BZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RM datat 9 ta' Settembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995) fil-Parrocca ta' Santa Venera, Santa Venera, Malta u dan min kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-8 ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Anne Marie Tonna, hawn anness u mmarkat Dok B;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi*

*ilhom aktar minn hdax-il sena separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment differenti u separata min xulxin tant lir-rikorrenti qieghda tghix f'relazzjoni ma' persuna ohra li minnu ghandha tifla ta' sitt (6) snin;*

*Illi f'pagna 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni legali hawn anness u mmarkat Dok B, f'pagna 4 insibu li l-partijiet irrinunzjaw ghal kwalunkwe manteniment minghand xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi f'dak li jirrigwardja kunjom il-mara, irid jigi msemmi li f'paragrafu 19 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u market Dok B, dakinhar ir-rikorrenti kienet ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-|Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2022 (Vide Fol 19) fejn il-Qorti nfurmat lill-intimat bid-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma jehtieg assistenza legali u ma joggezzjonax ghad-divorzju.

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2022 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-partijiet ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 19.)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 17) illi l-kontendenti izzewwgu nhar l-20 ta' Mejju 1995 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Anne Marie Tonna. Ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn hdax-il sena. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjarat illi rrinunzjaw ghal kwalunkwe manteniment minn xulxin. Kompliet tixhed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonfermat u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Mejju 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 656/1995 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A fol 2A). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna nhar it-8 ta' Novembru 2011 (vide Dok 'B' fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 656/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**